**Fil-Bord ta' l-Appell dwar it-Turiżmu**

**Fl-atti ta' l-Appell Numru 112/19**

**Fl-ismijiet:**

**Paul Bugeja**

**Vs**

**L-Awtorità tat-Turiżmu ta' Malta**

Illum, 1 ta' Ġunju 2021

Il-Bord:

Ra l-appell tal-appellant, Paul Bugeja, rigward id-deċiżjoni ta' l-Awtorita' tat-Turiżmu ta' Malta ('l-Awtorita'), fl-avviz ta' infurżar tat-18 ta' Diċembru 2018, li permezz tagħha l-Awtorita' avzat lil Paul Bugeja li l-liċenzja bin-numru P/TL/B/104/96, li jismu 'Toscanella', ser tiġi revokata immedjatament, minħabba li l-istabbiliment qiegħed jiġi operat bi ksur tal-kundizzjonijiet tal-liċenzja, partikolarment is-standards legali fil-4 Skeda tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 409.15 u l-artikolu 18(d) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 409.08.

Ra r-risposta tal-Awtorita' tat-Turizmu u id-dokumenti eżebiti;

Ra l-provi kollha mressqa mill-partijiet, dokumenti u ritratti pprovduti mill-partijiet;

Permezz ta' Nota Konġunta tal-partijiet, huma awtorizzaw dan il-Bord kif preżentement kompost sabiex jgħaddi għad-deċide tiegħu mingħajr ma' jerġa jisma' provi.

Ikkunsidra:

Illi fl-appel tiegħu, l-appellant jikkontesta d-deċizjoni tal-Awtorita' minħabba li:

1. *'L-Artikolu 18(1) tal-Kap. 409 tal-Liġijiet ta' Malta jistipola li ħadd ma jista' jżomm jew imexxi lukanda, guesthouse, hostel, postijiet għall-vaganzi jew stabbiliment li jipprovdi ikel jekk ma jkunx qabel akkwista u ma jkollux liċenzja... Illi l-attivita' de quo ma taqa' taħt ebda waħda minn dawn il-kategoriji u dana għaliex dan il-fond qed jintuża għall-xogħol ta' dulcier u għall-produzzjoni ta' ikel iffrizat u ma jsir ebda konsum ta' dawn il-prodotti fuq il-post... Illi b'hekk huwa stabbilit li l-attivita' ġestita minn dan il-fond ma teħtiegx liċenzja mill-Awtorita' intimata u b'hekk ma jista' jkun hemm ebda ksur ta' kondizzjoni tal-liċenzja.'*

2. Illi *'l-esponenti għandu fil-pussess tiegħu liċenzja ta' bar fuq il-fond de quo, liema liċenzja qatt ma ntuzat mill-esponenti u dan stante li l-attivita' ġestita minn dan il-fond ma teħtiġx liċenzja mill-Awtorita' intimata ... u b'hekk qatt ma jista' jingħad li kien hemm ksur ta' kondizzjoni tal-liċenzja.'*

3. Illi l-awtorjitajiet kompetenti kienu ġew magħrufa li *'l-attivita' ġestita minn dan l-istabbiliment m'hijiex 'Bar' u xorta żammew din l-istess liċenzja in vigore.'*

Illi fir-risposta tagħha l-Awtorita' appellata rrispondiet li:

1. Stabbiliment huwa kkunsidrat bħala bar meta huwa *'aċċessibli għall-pubbliku u li jipprovdi faċilitajiet li togħod bil-qiegħda, li jkollu bħala skop primarju l-bejgħ ta' alkoħol u xorb mhux alkoħoliku li jiġi kkunsmat fil-post imma jeskludi l-offerta ta' ikel bi ħlas, skond standards kif jidhru fir-Raba' Skeda'.*

2. Illi kemm l-Awtorita' u l-appellant fid-dikjarazzjoni tiegħu kkonfermaw li l-istabbiliment mhux qed jiġi ġestit bħala skont il-kundizzjonijiet tal-liċenzja.

3. Illi wara li saru spezzjonijiet fis-stabbiliment Toscanella l-appellant *'ma kienx konformi mad-dispozijonijiet tal-liġi, l-Awtorita' esponenti ma kellhiex triq oħra għajt li tirrevoka l-liċenzja in kwistjoni'.*

4. Illi l-appellant kien obbligat sabiex jinforma l-Awtorita' li ma kienx qed jagħmel użu minn din il-liċenzja skont l-artikolu 6 tar-Regolamenti dwar Attivitajiet Turistiċi (Disposizzjonijiet Ġenerali), Ligi Sussidjarja 409.08. U peress li l-Awtorita ma ġietx infurmata mill-appellant, *'l-Awtorita' kellha kull dritt li tirtira l-istess liċenzja malli saret a konoxxenza ta' dan kollu u liema deċizjoni b'ebda mod ma tippreġudika d-drittijiet tal-appellant stante jekk xi darba jiddeċiedi li jopera l-istabbiliment in kwistjoni bħala stabbiliment liċenzjabli mill-Awtorita' esponenti huwa dejjem jista' japplika mill-ġdid u jottjeni l-liċenzja relattiva soġġett li jissodisfa l-kriterji kollha applikabbli.'*

Ikkunsidra:

Illi fid-dikjarazzjoni ta' l-appellant Paul Bugeja hu kkonferma li kien applika mal-Kummissarju tal-Pulizija sabiex jingħata liċenzja ta bar, confectionary u pizzeria (*manufacture of pizza*). Illi hu kien kera l-fond lil ċertu Tarcisio Spiteri u sussegwentement lil Peter Saffrett, liema nies kienu jużaw dan il-fond sabiex jipproduċu l-ikel, li ma kienx għall-konsum fuq is-sit. L-appellant baqa' jġedded din l-liċenzja għax kellu ħsieb li *'xi darba jinfetaħ bħala bar'*.

Wara li saret spezzjoni fuq is-sit mill-Awtorita' huma avzawħ li kien qed jikser il-kondizzjonijiet tal-liċenzja *'peress li kont qed nużaħ għal attivita' oħra u mhux dik li għaliha kien inħareġ il-permess oriġinali.'* Huma avzawh li l-liċenzja kienet ser tkun revokata.

Fis-seduta tal-25 ta' Frar 2019, l-appellant meta mistoqsi kif applika għall-liċenzja qal li kien applika mal-Pulizija fis-sena 1996, u mis-sena 2001 l-Awtorita saret responsabbli għal dawn il-liċenzji. Qal li minn dejjem kien iħallas il-liċenzja sas-sena 2018, meta saru ispezzjonijiet u rċieva l-ittra mill-Awtorita', liema ittra tgħid li din il-liċenzja ser tiġi revokata.

Meta mistoqsi għalfejn applika għal din il-liċenzja qal li hu dejjem xtaq li jkollu bar, imma ikkonferma li l-fond qatt ma ntuża bħala bar, imma post fejn kienu jiġu manufatturati pasti xotti u ikel tal-friza. L-appellant, li huwa s-sid tal-fond, meta ma' baqax jopera l-istabbiliment kien kera l-post lil ċertu Tarcisio Spiteri li anke hu għamel affarijiet ta' pasti xotti. Sad-data tas-seduta l-istabbilitment kien mikri lil Peter Saffrett li jkoll juża l-fond għal l-istess skop.

L-appellant baqa jħallas il-liċenzja sas-sena 2018, sakemm l-Awtorita' avżatu biex ma' jkomplix jħallas.

Fis-seduta tal-25 ta' Frar deher ix-xhud ta' l-appellant Peter Saffrett li kkonferma li kien jikri l-fond mingħand Paul Bugeja u l-fond, Toscanella, kien jintuza għall-preparamenti ta' pasti xotti u xogħol tal-friza, liema xogħol jinbiegħ fil-ħwienet. Ix-xhud ikkonferma li ma' jbiegħx prodotti lill-konsumaturi li jistgħu jikkonsmaw fuq il-post u lanqas ibiegħ kwalunkwe tip ta' xorb. Meta mistoqsi jekk kienux imorru l-pulizija jew ufficjali tal-Awtorita' tat-Turizmu hu qal li kienu marru l-pulizija u kienu jitolbuh l-permess, li kien jurihulhom, u kienu qalulu li kollox kien sew.

L-Awtorita' pprezentat ix-xhieda ta' Edward Schembri, Uffiċjal tal-Infurzar tal-Awtorita' tat-Turizmu, b'affidavit (Dok MTA4), qal li l-Awtorita' kienet rċievet ilment dwar dan l-istabbiliment għax kien qed joħloq inkonvenjent għall-ġirien. Edward Schembri kien assenjat dan il-kaz sabiex jivestigah. Fl-1 ta' November 2018, flimkien ma' Paul Cassar, u fil-15 ta' November 2018, flimkien ma Joseph Dalmas, *'irrizulta li l-istabbiliment Toscanella mhux jifunzja bħala bar iżda bħala ħanut li jagħmel il-pasti u kejkijiet'*. Hu kien ħa ritratti waqt l-ispezzjoni li ġew ppreżentati ma l-affidavit.

Edward Schembri qal li kien informa l-appellant verbalment li ma kienx qed josserva l-kundizzjonijiet tal-liċenzja u l-istandards legali ta' bar skont ir-Raba' Skeda tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 409.15, u infurmah sabiex jirregola l-posizzjoni tiegħu.

Fit-3 ta' Dicembru 2018 saret laqgħa, flimkien ma' Andre Zammit, Direttur tad-Direttorat ta' l-infurzar fl-uffiċji ta' l-Awtorita', fejn spjegaw lill-appellant *'li jekk irid jibqa' jżomm il-liċenzja ta' Bar irid josserva l-istandards relattvi u jirregolarizza l-posizzjoni tiegħu f'dan ir-rigward'*. L-appellant baqa' ma għamilx dan u għalhekk Edward Sciberras talab lid-Direttur tad-Direttorat ta' l-infurzar sabiex il-liċenzja tiġi rtirata.

Fis-17 ta' Ġunju 2019 sar il-kontro-eżami ta' Edward Schembri, meta mistoqsi jekk waqt l-ispezzjoni seta' jara jekk kienx hemm xi attivitajiet li huma liċenzjabbli jew jaqgħu taħt ir-Regolamenti 409.15 hu qal li l-unika ħaġa kienet it-tabella ta' barra, *'il-bqija tal-kundizzjonijiet kollha ta' l-istandards ma kienux hemmhekk'*. Meta mistoqsi dwar min ħa d-deċizjoni sabiex tinħareġ l-ittra, hu qal li sottometta r-rapport tiegħu lid-Direttur, Andre Zammit, u kien id-Direttur li ddiriġieh sabiex tinħareġ l-ittra *'għaliex il-post mhux qiegħed jopera bħala bar'*. Hu qal ukoll li meta ltaqgħu mall-appellant huma spjegawlu *'x'inhuma l-linji gwida li setaż jieħu biex huwa jaħdem f'dik il-linja li l-premises qed jaħdem fih'*.

L-Awtorita' pprezentat ix-xhieda ta' Paul Cassar, Uffiċjal tal-Infurzar tal-Awtorita' tat-Turizmu, b'affidavit (Dok MTA2) qal li l-Awtorita' kienet irċievet ilment dwar *'stabbiliment li kien qed joħloq inkonvenjenti lill-ġirien bi ħsejjes u rwejjaħ'* u li flimien ma' Ufficjal ieħor, Edward Schembri, kienu marru sabiex jispezzjonaw l-istabbiliment. Din l-ispezzjoni saret fl-1 ta' Novembru 2018, fejn irrizulta li dan l-istabbiliment ma kienx qed jiġi ġestit bħala bar imma *'bħala dolċeria fejn kien qiegħed jagħmel il-pasti u kejkijiet.'*

L-Awtorita' pprezentat ix-xhieda ta' Joseph Dalmas, Uffiċjal tal-Infurzar tal-Awtorita' tat-Turizmu, b'affidavit (DOK MTA3), ikkonferma li kien sar ilment dwar l-istabbiliment dwar ħsejjes u rwejjaħ li kien qed joħloq inkonvenjent lill-ġirien. Fil-15 ta' Novembru assista lil Edward Schembri f'

spezzjoni li saret fl-istabbiliment *de quo*, fejn *'irrizulta li dan l-istabbiliment ma kienx qiegħed jinfunzjona bħala bar u dan għaliex sibna dulċier li kien qiegħed jaħdem ġewwa dan il-post.'*

L-Awtorita' pprezentat ix-xhieda ta' Andre Zammit, Direttur tal-Infurzar u tal-Liċenzjar tal-Awtorita' tat-Turizmu, b'affidavit (DOK MTA3) ikkonferma li saru spezzjonijiet fl-istabbiliment Toscanella minn Edward Schembri, Paul Cassar u Joseph Dalmas. Ġie infurmat li dan l-istabbiliment ma kienx qed jopera bħala bar u *'ma kien qiegħed jissodisfa kważi ebda waħda mill-istandards li hemm fir-Raba' skeda tar-Regolamenti dwar Stabbilimenti li jipprovdu l-ikel (LS 409.15).'* Andre Zammit għamel kuntatt ma' l-appellant sabiex jiddiskuti s-sitwazzjoni, liema laqgħa saret fit-3 ta' Diċembru fejn l-appellant ikkonferma li l-istabbiliment ma kienx qiegħed jiġi użat bħala bar imma post fejn jiġi ppreparat ikel sabie jinbiegħ lill-stabbilimenti oħra. Hu żied illi *'jien infurmajtu li mhux biss qiegħed jopera bi ksur tar-Regolamenti hawn imsemmija iżda ukoll li l-attivita' li qiegħed attwalment jiġestixxi minn dan il-post mhijiex koperta mill-liċenzja maħruġa mill-Awtorita' tat-Turizmu li għandu fil-pussess tiegħu.'*

Andre Zammit zied li *'anqas ma hemm tip ta' liċenzja oħra li tinħareġ mill-Awtorita tat-Turizmu li tista' tkopri l-attivita' li qiegħda ssir bħalissa minn dan l-istabbiliment....L-Awtorita tat-Turizmu mhijiex l-Awtorita' responsabbli u ma tilliċenzjax l-operat ta' manifatturi tal-ikel.'* Hu qal li l-appellant ma weriex interess sabiex jirregola ruħhu mal-liċenzja maħruġa u allura ġie deċiż sabiex il-liċenzja tiġt revokata.

Fis-17 ta' Ġunju 2019 sar il-kontro-eżami ta' Andre Zammit hu qal li ma marx hu jagħmel l-ispezzjoni imma Edward Schembri u Paul Cassar fejn huma rrapurtawlu dak li sabu kif ukoll xi ritratti. Wara li ra r-rapport hu ħass li għandu jibgħat għall-appellant Paul Bugeja fejn spjegalu dwar il-ksur tal-liġijiet tat-turizmu. Ix-xhud ikkonferma li hu ħa d-deċizjoni sabiex jiġi ritirata l-liċenzja fuq dak li rrapurtawlu l-ispetturi relattivi.

Meta mistoqsi jekk mill-informazzjoni li ngħatatlu seta' jikkonstata jekk l-attivita' li kienet għaddejja *'ġol-bar'* kienx liċenzjabbli hu rrisponda li *'bar hemmhekk ma jezistix hemmhekk... Jiġi liċenzjat ta' bar on the basis li huwa jkollu anke l-planning permits relattivi u permessi sanitarji oħra relattivi ma' bar u trid tilħaq l-istandards skedati fil-leġislazzjoni sussidjarja 409.15 – catering establishments regulations – fejn kull kategorija fosthom il-bars iridu jilħqu ċertu standards. Meta l-ufficjali marru hemmhekk ma kien hemm assolutament xejn... Jekk ma' żżommx l-istandards ta' Bar l-MTA ma tistax tibqa tilliċenzjak ta' bar.'*

Meta mistoqsi dwar jekk liċenzi ta' kategoriji oħra huma kompetenza tal-Awtorita' tat-Turizmu hu qal li mhumiex. L-attivita' li kienet qed issir fil-fond ma taqax taħt il-regolamenti 409.15. Kompla billi qal li *'jekk inti għandek liċenzja ta' bar obbligat u fid-dmir li l-istandards li huma stipulati li huma liġi, obbligat li tosservhom... Ladarba qed jikser il-kundizzjonijiet tal-liċenzja tiegħu l-awtorita' tiġi fid-dmir li tirrevoka l-liċenzja li jkollok... Jekk inti għandek liċenzja ta' bar ma tistax tagħmilha fuq l-ixkaffa u tagħmel xi attivita' oħra.. Jekk għandek liċenzja qiegħda hemmhekk biex tużaha, tant hu hekk illi fil-liġi stess u qed nirreferi għal regolament 6 tal-legislazzjoni sussidjarja 409.15'.* Ix-xhud kompla jispega l-proċedura meta xi ħadd għandu liċenzja li anke jekk ikun magħluq għal xagħrejn wieħed irid jerġa japplika ma' l-Awtorita' sabiex jista' jerġa jkollu liċenzja, minħabba li tkun sospiza minn naħa ta' l-Awtorita'. Jekk il-liċenzja tibqa sospiza għal sentejn wieħed ikollu jerġa japplika mill-ġdid.

Meta mistoqsi jekk il-liċenzja kienet baqgħat titħallas ix-xhud qal li ma kienx jaf. Meta mistoqsi dwar jekk sarux spezzjonijiet minn meta sar it-transfer tal-liċenzji mill-pulizija għall-Awtorita' tat-Turizmu ix-xhud irrisponda li ma kienx jaf.

Konsiderazzjonijiet ta' dan il-Bord:

Dwar l-aggravju magħmul mill-appellant Paul Bugeja, dan il-Bord osserva li l-appellant kellu liċenzja sabiex jista' jopera l-fond tiegħu bħala bar, liema attivita' skont l-Att dwar is-Servizzi tal-Ivvjaġġar u tat-Turiżmu, Kap 409 tal-Liġijiet ta' Malta' huwa kkonsidrat bħala *'attivita' turistika'* u konsegwentement hi liċenzjabbli taħt l-Awtorita' tat-Turizmu.

Il-Bord jagħmel referenza għar-regolament 2 tar-*Regolamenti dwar Stabbilitmenti li jipprovdu l-ikel*, Liġi Sussidjarja 409.15, liema regolament jgħid li:

> *"bar" tfisser stabbiliment li jipprovdi l-ikel aċċessibli għall-pubbliku u li jipprovdi faċilitajiet li toqgħod bil-qiegħda, li jkollu bħala skop primarju l-bejgħ ta' alkoħol u xorb mhux alkoħoliku li jiġi kkunsmat fil-post imma jeskludi l-offerta ta' ikel bi ħlas, skondstandards kif jidhru fir-Raba' Skeda;*

Il-Bord jagħmel referenza għar-Regolament 6 tal-Ligi Sussidjarja 409.08:

> *(1) Detentur ta' liċenzja għandu javża lill-Awtorita' bil-ħsieb tiegħu li jissospend attivita turistika. Jekk l-għeluq ikun għal żmien iktar minn xahrejn, id-detentur tal-liċenzja jkun jeħtieġ l-approvazzjoni bil-quddiem ta' l-Awtorita' qabel ma jerġa jibda l-attivita'.*

*(2) Mela attivita' turistika tkun sospiza għal żmien iktar minn sentejn, il-liċenzja għandha tkun irtirata.*

Għalkemm hu ċar li l-appellant kien applika u ħallas il-liċenzja sabiex jista' jopera l-istabbiliment tiegħu bħala bar mis-sena 1996 sas-sena 2018, mill-provi l-appellant kkonferma li dan l-istabbiliment qatt ma' ntuza bħaha bar. Mis-spezzjonijiet li saru mill-Awtorita' rrizulta li l-appellant naqas milli kien konformi mal l-istandards imposti mir-regolamenti tal-Liġi Sussidjarja 409.15, partikolarment ir-Raba Skeda, peress li hu qatt ma opera dan il-fond bħala bar imma fond fejn jimmanifatturaw ikel li mhux għall-konsum fuq il-post.

L-appellant naqas milli avża lill-Awtorita' li l-istabbiliment ma' kienx qed jiġi użat bħala bar, liema obbligu kien tal-persuna li ngħatat il-liċenzja, peress li jirrizulta mill-liġi li ġaladarba tingħata liċenzja, din trid tiġi użata immedjatament.

Għaldaqsant, in vista tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq magħmula, il-Bord jiċħad l-appell magħmul minn Paul Bugeja u jikkonferma id-deċizjoni ta' l-Awtorita tat-Turizmu datat it-18 ta' Diċembru 2018.

L-ispejjez ta' dan l-appell jitħallsu mill-appellant Paul Bugeja.

**Avv. Alexandra Mizzi**

**Madam Chairman**

**Avv. Helen Caruana**

**Membru**

**Ms. Joan Sheridan Manara**

**Membru**

**Dr. Lynn Faure'**

**Secretarja**